

- 4) Restrizzjoni għal din il-libertà kkawżata minn din it-taxxa ta' ħruġ hija ġġustifikata sabiex jinżamm it-tqassim ekwibrat tas-setgħa ta' tassazzjoni, f'ċirkustanzi li fihom kien possibbli li t-taxxa fuq il-qligħ kapitali tista' tiġi imposta wkoll fuq il-qligħ kapitali magħmul, iżda biss jekk fil-futur iqumu ċirkustanzi partikolari?
- 5) Il-proporzjonalità għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tal-fatti tal-każ? B'mod partikolari, ir-restrizzjoni kkawżata minn tali taxxa hija proporzjonata:
 - a) f'ċirkustanzi li fihom il-leġislazzjoni ma tippredix l-għażla li l-ħlas tat-taxxa jiġi ddifferit jew li t-taxxa titħallas bin-nifs, u lanqas li telf sussegwenti fil-valur tal-attivi tat-trust wara l-ħruġ jittieħed inkunsiderazzjoni,
 - b) iżda meta fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-evalwazzjoni tat-taxxa li hija s-suġġett tar-rikors, l-attivi inbiegħu qabel mat-taxxa kienet dovuta u ma naqsux fil-valur bejn ir-rilokazzjoni tat-trust u d-data tal-bejgħ?

Appell ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2015 minn TV2/Danmark A/S mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-24 ta' Settembru 2015 fil-Kawża T-674/11, TV2/Danmark A/S vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-649/15 P)

(2016/C 048/29)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Partijiet

Appellanti: TV2/Danmark A/S (rappreżentanti: O. Kockvedgaard, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tad-Danimarka, Viasat Broadcasting UK Ltd

Talbiet

1. tannulla s-sentenza appellata sa fejn din tiddeċiedi favur il-Kummissjoni fir-rigward tat-talba prinċipali ta' TV2, tiddeċiedi dwar il-kawża u tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonstata li l-miżuri investigati kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat koperta mill-Artikolu 107(1) TFUE. Sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal kunsiderazzjoni mill-ġdid.
2. tannulla s-sentenza appellata sa fejn din tiddeċiedi favur il-Kummissjoni fir-rigward tat-tieni parti tat-talba sussidjarja ta' TV2, tiddeċiedi dwar il-kawża u tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonstata li d-dħul mill-ħlas tal-liċenzji li, fis-snin 1997-2002, ġie ttrasferit lil TV2 u mbagħad minn hemm lir-reġjuni, kien jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat favur TV2. Sussidjarjament, tibgħat lura din il-parti tal-kawża lill-Qorti Ġenerali għal kunsiderazzjoni mill-ġdid.
3. tannulla s-sentenza appellata sa fejn din tordna lil TV2 tbatli l-ispejjeż tagħha u tikkundannaha għall-ħlas ta' tliet kwarti mill-ispejjeż tal-Kummissjoni; tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' TV2 assoċjati mal-proċeduri kemm quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk il-kawża tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali, għandha tingħata deċiżjoni korrispondenti dwar l-ispejjeż dwar il-parti tal-kawża li tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. TV2 ssostrni li dik il-parti tas-sentenza appellata li tiċħad l-ewwel motiv ta' TV2 u għaldaqstant it-talba prinċipali ta' TV2 tmur kontra l-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikolu 107(1) TFUE, u b'hekk tivizzja dik is-sentenza bi żball ta' liġi. Insostenn ta' dan, TV2 tressaq l-argumenti prinċipali li ġejjin:
 - Ir-rifjut, fis-sentenza appellata, li jiġi aċċettat li l-verifiki mwettqa mir-Rigsrevisionen (L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifiki) kienu suffiċjenti sabiex tiġi ssodisfatta r-raba' kundizzjoni *Altmark* huwa bbażat fuq applikazzjoni stretta u litterali tal-ħtieġa ta' tqabbil tal-ispiża ta' dik il-kundizzjoni. Dan huwa legalment żbaljat.
 - Kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali tiddikjara fis-sentenza appellata, in-natura speċifika tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' TV2 u l-applikazzjoni retroattiva tal-kundizzjonijiet *Altmark* iwasslu għal sitwazzjoni fejn kellu jkun hemm applikazzjoni bi skop ta' dik il-kundizzjoni: ara l-prinċipju fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2008, BUPA, T-289/03, ECLI:EU:T:2008:29, eċċ.
 - Il-verifiki kontinwi tar-Rigsrevisionen sabiex jiżgura li TV2 kienet negozju amministrat kif xieraq kienu jiżguraw li l-għan bażiku tar-raba' kundizzjoni *Altmark* kien issodisfatt u, għaldaqstant, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża li tinvolvi lil TV2 u fid-dawl tal-applikazzjoni bi skop tal-kundizzjoni, kien biżżejjed sabiex wieħed jikkonkludi li r-raba' kundizzjoni *Altmark* kienet issodisfatta.
2. TV2 ssostrni wkoll li dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda l-merti u li tiċħad it-tieni parti tat-talba sussidjarja ta' TV2 hija vvizzjata bi żball ta' liġi peress li tmur kontra prinċipji proċedurali fundamentali. Insostenn ta' dan, TV2 tressaq l-argumenti prinċipali li ġejjin:
 - Fid-difiża tagħha l-Kummissjoni kienet qalet li hija kienet taqbel ma' TV2 dwar il-punt li d-dħul mill-ħlas tal-liċenzji li TV2 għaddiet lir-reġjuni fil-perijodu 1997-2002 ma kienx jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat favur TV2. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant tat-deċiżjoni ultra petita peress li hija evalwat u ċaħdet it-tieni parti tat-talba sussidjarja ta' TV2. Is-sentenza appellata għaldaqstant hija vvizzjata bi żball ta' liġi.
 - Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll dwar il-merti abbażi tal-argument tagħha stess. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali kif stabbiliti fil-punti 165-174 tas-sentenza appellata ma tressqu fl-ebda mument, la minn TV2 u lanqas mill-Kummissjoni; u lanqas ma jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant marret lil hinn mill-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.
 - Fl-istess waqt, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju tad-dritt għal smigħ xieraq (ara l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) sa fejn hija bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq motivi u argumenti li fuqhom il-partijiet tal-kawża ma kinux ippreżentaw motivi.
3. Fl-aħħar nett, TV2 ssostrni li dik il-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna l-merti u li tiċħad it-tieni parti tat-talba sussidjarja ta' TV2 (punti 165-174) hija vvizzjata bi żball ta' liġi peress li hija bbażata fuq interpretazzjoni manifestament inkorretta tad-dritt Daniż u tmur kontra l-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikolu 107(1) TFUE. Insostenn ta' dan, TV2 tressaq l-argumenti prinċipali li ġejjin:

- Il-Qorti Ġenerali tqis u tagħti piż deċiżiv lill-fatt li TV2, bħala parti mit-twettiq tal-obbligi tagħha li tqassam programmi reġjonali, irċeviet programmi reġjonali mir-reġjuni, u bħala korrispettiv għal dawn il-programmi kien jiġi ttrasferit dħul mill-ħlas tal-liċenzji. Dan ma jstax jiġi dedott mill-atturi fil-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u jmur manifestament kontra d-dritt Daniż. It-test legali li jista' jiġi dedott mill-punti 166, 167 u 171 tas-sentenza appellata għaldaqstant huwa ssodisfatt fuq il-livell sostantiv.
- Fil-punti 166 u 167 u fl-ewwel sentenza tal-punt 173 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tagħmel riferiment għal xenarju ipotetiku bħala parti mill-evalwazzjoni tagħha tal-għajnuna mill-Istat. Fil-prattika, dan ix-xenarju huwa inkonċepibbli u huwa irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Il-fattur deċiżiv fil-każ ta' TV2 huwa, fil-fatt, li TV2 ma kisbet ebda vantaġġ ekonomiku mid-dħul mill-ħlas tal-liċenzji ttrasferit. Bħala kwistjoni rregolata mid-dritt pubbliku, TV2 kienet obbligata tittrasferixxi d-dħul mill-ħlas tal-liċenzji lir-reġjuni, u, fil-prattika, hija wettqet dan l-obbligu. Id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali għaldaqstant tmur kontra l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikolu 107(1) TFUE.

Appell ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2015 minn Polyelectrolyte Producers Group GEIE (PPG), SNF SAS mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla, Awla Estiża) fil-25/09/2015 fil-Kawża T-268/10 RENV, Polyelectrolyte Producers Group GEIE (PPG), SNF SAS vs European Chemicals Agency (ECHA)

(Kawża C-650/15 P)

(2016/C 048/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Polyelectrolyte Producers Group GEIE (PPG), SNF SAS (rappreżentanti: R. Cana, avukat, D. Abrahams, barrister, E. Mullier, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-268/10 RENV;
- tannulla l-att ikkontestat;
- sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali sabiex taqta' r-rikors għal annullament tal-appellanti;
- tikkundanna lill-appellati sabiex iħallsu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa ppreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fil-Każ T-268/10 RENV li ċaħdet l-azzjoni tal-appellanti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA"), sabiex tiġi identifikata l-akrilammid bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament Nru 1907/2006⁽¹⁾ dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi konformement mal-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1907/2006.